MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2022

Appell Inferjuri Numru 89/2020 LM

**Giulia Gattuccio (Karta tal-Identità Taljana ARG6727819)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Suda Entertainments Limited (C 43427)**
*('is-soċjetà appellanta')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Suda Entertainments Limited (C 43427)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], tal-1 ta' Diċembru, 2020 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellanta'], li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti **Giulia**

**Gattuccio (Karta tal-Identità Taljana ARG6727819)** [hawnhekk 'l-appellata'] minn mas-soċjetà intimata, kienet waħda inġusta, u konsegwentement illikwida danni fl-ammont ta' ħamest elef, u erbgħa u sittin Euro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€5,064.21) li jridu jitħallsu lir-rikorrenti.

## Fatti

2. Ir-rikorrenti bdiet proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali, fejn spjegat li hija kienet impjegata bħala *waitress* fuq bażi *full-time* mas-soċjetà intimata, b'effett mit-22 ta' Diċembru, 2016. Ir-rikorrenti qalet li hija ġiet imkeċċija mill-impjieg fit-22 ta' Lulju, 2018, iżda s-soċjetà intimata qiegħda tallega li dan kien każ ta' riżenja ta' impjegata, stante li kienet ir-rikorrenti li minn jeddha ddeċidiet li ma tirrapportax aktar għax-xogħol. Ir-rikorrenti qalet li hija ma kellha l-ebda intenzjoni li tirriżenja mill-impjieg, u s-soċjetà intimata riedet tevita li tħallasha għall-perijodu tal-avviż tat-terminazzjoni.

## Mertu

3. Permezz tar-rikors tagħha quddiem it-Tribunal, ir-rikorrenti talbet li jiġi dikjarat li t-terminazzjoni tal-impjieg tagħha minn mas-soċjetà intimata kien każ ta' tkeċċija u mhux ta' riżenja mill-impjieg, u li din it-tkeċċija kienet waħda abbużiva u illegali. Ir-rikorrenti talbet lit-Tribunal jordna lis-soċjetà intimata tħallasha ukoll tan-*notice period*, fil-likwidazzjoni ta' kumpens xieraq.

4. Fir-risposta tagħha, is-soċjetà intimata spjegat li r-rikorrenti kienet ġiet impjegata bħala *waitress* fl-istabbiliment magħruf bħala 'Pepe Nero', Pinto Wharf, Valletta Waterfront, u mingħajr ebda raġuni valida u mingħajr ebda pre-avviż kif rikjest mil-liġi, ir-rikorrenti ma rrappurtatx aktar għax-xogħol wara t-22 ta' Lulju, 2018. Is-soċjetà intimata qalet li l-ebda impjegat tagħha ma ħa d-deċiżjoni li l-impjieg tar-rikorrenti kellu jiġi tterminat, u li mhuwiex parti mid-dmirijiet tad-*duty manager* li din tkeċċi lin-nies mill-impjieg, kif allegat ir-rikorrenti.

5. Fid-dikjarazzjoni tagħha, ir-rikorrenti spjegat li hija kienet ilha impjegata mas-soċjetà intimata għal madwar sentejn qabel ġiet imkeċċija mill-impjieg. Qalet li hija kienet taħdem fir-ristorant bl-isem 'Pepe Nero' u fit-22 ta' Lulju, 2018 inqala' inċident fejn klijent ordna kejk. Spjegat li kien hemm kejk li kien ilu barra mill-*fridge* għal madwar sagħtejn, u l-*manager* tar-ristorant talbitha sservih lil dan il-klijent. Qalet li hija ma xtaqitx tagħmel dan, u għalhekk stiednet lill-*manager* tmur bil-kejk hi fuq il-mejda. Qalet li l-*manager* riditha tiskuża ruħha quddiem il-ħaddiema l-oħra, iżda hija ħasset li ma kellhiex għalfejn tagħmel dan, u meta l-*manager* tar-ristorant saret taf li r-rikorrenti ma kinitx disposta li tikuża ruħha, din infurmatha li kienet qiegħda tiġi mkeċċija mill-impjieg. Ir-rikorrenti qalet li kien għalhekk li hija talbet li tingħata dikjarazzjoni tat-tmiem tal-impjieg, iżda ġiet infurmata mid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani tas-soċjetà intimata li din ma kinitx lesta. Qalet li meta marret tagħmel il-verifiki fl-uffiċċju tal-JobsPlus, hija sabet li kien hemm data żbaljata fuq id-dikjarazzjoni tat-tmiem tal-impjieg, għaliex hija ġiet imkeċċija fit-22 ta' Lulju, 2018 u mhux fil-15 ta' Lulju, 2018. Qalet ukoll li hija ma tħallsitx għax-xhur kollha tal-kuntratt.

6. Quddiem it-Tribunal ġiet ippreżentata kopja tal-kuntratt tal-impjieg tar-rikorrenti. **Ottavio Suda**, fid-depożizzjoni tiegħu quddiem it-Tribunal spjega li huwa jieħu ħsieb it-tmexxija tar-ristoranti tas-soċjetà intimata fuq bażi kwotidjana, u r-rikorrenti kienet impjegata mas-soċjetà intimata f'wieħed mir-ristoranti tagħha, 'Pepe Nero', fil-Waterfront tal-Belt Valletta. Qal li wara t-22 ta' Lulju, 2018, ir-rikorrenti minn jeddha ma rrappurtatx aktar għax-xogħol, u meta huwa sar jaf b'dan, talab lill-*management* tal-kumpannija jipprepara d-dokumentazzjoni relattiva għat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti. F'seduta sussegwenti, l-istess xhud ikkonferma li kien hemm żball fuq id-dokumentazzjoni oriġinali li ntbagħtet lill-JobsPlus, għaliex id-data meta l-aħħar li ħadmet ir-rikorrenti ġiet indikata bħala l-15 ta' Lulju, 2018, minflok it-22 ta' Lulju, 2018.

7. Ix-xhud **Doria Zarb** spjegat li hija kienet *restaurant manager* tar-ristorant 'Pepe Nero' fejn kienet taħdem ir-rikorrenti, u fir-rwol tagħha hija kellha għadd ta' impjegati li kienu jirrispondu lilha. Ix-xhud qalet li waqt l-aħħar ġurnata ta' xogħol tar-rikorrenti, hija kienet ordnatilha sservi kejk fuq mejda partikolari, u r-rikorrenti kienet weġbitha li ma riditx tassisti lill-kollega li kien qiegħed jaħdem bħala *waiter* fuq dik il-mejda. Ix-xhud qalet li hija ma setgħetx titkellem mar-rikorrenti dwar dan l-inċident dakinhar li seħħ, għaliex kien tmiem il-ġimgħa u fir-ristorant kellhom ħafna nies, iżda t-Tnejn ta' wara kienet saret laqgħa bejnha u r-rikorrenti dwar dak li kien ġara. Ix-xhud qalet li l-inċident tal-kejk ma kienx l-unika ħaġa li ġiet diskussa waqt din il-laqgħa għaliex ir-rikorrenti kellha kwistjonijiet oħra fuq il-post tax-xogħol, inkluż ma' wieħed mill-impjegati l-oħra.

Ix-xhud qalet li hija kienet wissiet lir-rikorrenti diversi drabi b'mod verbali, iżda qatt ma kienet tatha twissija bil-miktub. Ix-xhud spjegat li dakinhar li r-rikorrenti ħadmet l-aħħar, din kienet qiegħda taħdem bħala *hostess,* u fil-ħin li din irrifjutat li sservi l-kejk, bdiet tgħolli leħenha. Ix-xhud qalet li waqt il-laqgħa li kellha mar-rikorrenti, din bdiet tibki u tgħidilha li ma setgħetx taħdem ma' wieħed mill-impjegati fir-ristorant. Qalet ukoll li mhux minnu li hija talbet lir-rikorrenti apoloġija quddiem l-impjegati kollha. F'udjenza sussegwenti, l-istess xhud qalet li dakinhar li r-rikorrenti ħadmet l-aħħar, irrifjutat li tgħaddi kejk lil Ernesto Bonasola, impjegat ieħor fl-istess ristorant, għaliex ma riditx li tassisti lil dan l-impjegat. Ix-xhud qalet li hija ħalliet f'idejn ir-rikorrenti, u meta rat li r-rikorrenti ma daħlitx aktar għax-xogħol, hija neħħietha minn fuq ir-*roster.* Ix-xhud qalet li kienet ir-rikorrenti li għażlet li titlaq mill-impjieg, u ħadd mis-soċjetà intimata ma tterminalha l-impjieg tagħha.

8. **Ernesto Bonasora** xehed li huwa kien impjegat fir-ristorant 'Pepe Nero' għal madwar tliet snin, u huwa telaq minn dan l-impjieg għal raġunijiet familjari. Spjega li hu u r-rikorrenti kienu ħbieb, u huwa kien sar jafha kemm kien ilu Malta, qabel ma t-tnejn li huma bdew jaħdmu fir-ristorant 'Pepe Nero'. Qal li darba fost l-oħrajn hu u r-rikorrenti kellhom diżgwid waqt ix-xogħol, għaliex hu talabha ġġiblu kejk għal klijent u din irrifjutat li tgħinu. Ix-xhud ikkonferma li l-*manager* tar-ristorant ħaditlu l-kejk hi meta ndunat li bejn iż-żewġ impjegati kien hemm problema. L-istess xhud kompla jiddeponi f'seduta sussegwenti, fejn qal li l-kejk li pprezentatlu l-*manager* Doria Zarb kien f'kundizzjoni tajba u seta' jisserva. Qal ukoll li wara li huwa tela' jixhed quddiem it-Tribunal l-ewwel darba, kienet ikkuntattjatu r-rikorrenti u staqsietu għal liema raġuni ma kienx qal il-

verità waqt ix-xhieda tiegħu. Qal li wara li tela' jixhed, is-sieħeb tar-rikorrenti kien kellmu b'mod li huwa ħassu mhedded. F'udjenza sussegwenti, l-istess xhud qal li kien irċieva xi messaġġi mingħand is-sieħeb tar-rikorrenti fejn dan talbu biex jew ma jippreżentax ruħhu għas-seduta jew inkella biex jgħid il-verità. Qal li huwa dejjem qal il-verità kollha, anki jekk ir-rikorrenti u s-sieħeb tagħha ma kinux tal-istess fehma. Ix-xhud qal li l-*manager* talbet lir-rikorrenti tgħinu billi tnewwillu l-kejk li kien ordnat, u meta rat li r-rikorrenti u x-xhud kienu qegħdin jitlewmu, qabdet u ħadet il-kejk hi. Ix-xhud qal li huwa kellu bżonn l-għajnuna tar-rikorrenti għaliex fil-ħin li ġara dan kollu, lilu daħlitlu ordni oħra, li huwa ħass li kellha tingħata preċedenza fuq is-servizz tal-kejk. Ix-xhud qal li mhux minnu li dan il-kejk inħareġ mill-*fridge* ferm qabel kellu jiġi servut. Qal ukoll li meta l-*manager* rat li r-rikorrenti ma riditx tgħinu, din talbitha tippanċja u titlaq. Kompla jgħid li r-rikorrenti għalhekk marret tbiddel, ippanċjat u telqet. Ix-xhud qal li huwa kien ċempel lir-rikorrenti wara ftit ġranet biex jiskuża ruħhu talli kien għolla leħnu magħha.

9. **Joseph Saliba**, uffiċjal tal-JobsPlus xehed li kemm l-ingaġġ kif ukoll it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti saru b'mod elettroniku, u għalhekk min iħaddem biss kien involut fihom, fis-sens li ma kienx hemm il-ħtieġa tal-firma tal-impjegata fuq id-dokumenti relattivi. F'udjenza sussegwenti, dan ix-xhud ippreżenta kopja tal-*job history* tar-rikorrenti.

10. **Robert Testa**, wieħed mid-diretturi tas-soċjetà intimata, fix-xhieda tiegħu spjega li kien hu li pprepara d-dokumentazzjoni li kellha tiġi ppreżentata lill-JobsPlus wara li ntemm l-impjieg tar-rikorrenti. Qal li meta huwa kien qiegħed

jipprepara l-pagi, induna li r-rikorrenti ma kinitx ħadmet ix-xahar kollu, u wara li talab spjegazzjoni sabiex jara x'kien ġara, huwa ġie mgħarraf minn Doria Zarb li r-rikorrenti kienet telqet mill-impjieg.

11. Ir-rikorrenti **Giulia Gattuccio** xehdet li meta ġara l-inċident in kwistjoni, f'Lulju tal-2018 hija kienet ilha taħdem fir-ristorant 'Pepe Nero' għal madwar sena u nofs. Qalet li fl-aħħar ġurnata tax-xogħol tagħha, hija ntalbet mill-kollega tagħha tieħu kejk u tpoġġih fil-*bar,* u madwar siegħa wara hija ntalbet isservi l-kejk mill-*manager* tagħha. Qalet li dak il-ħin hija rrifjutat għaliex fil-fehma tagħha dan il-kejk ma kienx għadu tajjeb biex jittiekel. Kompliet tgħid li l-kejk in kwistjoni kien *cheesecake* u għalhekk wara siegħa barra dan ma kienx għadu tajjeb. Qalet ukoll li dakinhar il-*manager* qaltilha biex titlaq id-dar u tirritorna għax-xogħol it-Tnejn ta' wara. Qalet li meta hija marret tiltaqa' mal-*manager* it-Tnejn ta' wara, din qaltilha li hi ma setgħetx taħdem jekk ma titlobx apoloġija quddiem il-kollegi tagħha. Ir-rikorrenti qalet li hija kienet disposta li tibda taħdem, tant hu hekk li marret fir-ristorant bl-uniformi, imma l-*manager* kienet infurmatha li jekk ma titlobx apoloġija, ma setgħetx taħdem. Qalet ukoll li l-istess *manager* kienet infurmatha li l-impjieg tagħha ġewwa r-ristorant 'Pepe Nero' kien qiegħed jiġi tterminat.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

12. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fl-1 ta' Diċembru, 2020, it-Tribunal ikkonkluda li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti minn mas-soċjetà intimata kienet waħda inġusta u għalhekk illikwida danni fl-ammont ta' ħamest

elef, u erbgħa u sittin Euro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€5,064.21), li għandhom jitħallsu lir-rikorrenti sa mhux aktar tard minn xahar mid-data tad-deċiżjoni, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Kunsiderazzjonijiet***

*Sabiex it-Tribunal jista' jiddeċiedi jekk it-talba tar-rikorrenti li saret nhar is-6 ta' Novembru, 2018, li l-kuntratt ta' impjieg ġie terminat għal raġunijiet inġusti*

*Tenut kont tlettax-il fatt li ħarġu waqt dan il-proċess u ċioe:*

*Li r-rikorrenti ġiet impjegata bħala waitress mas-soċjetà fl-istabbiliment 'Pepe Nero' mit-22 ta' Diċembru, 2016 u li ġiet itterminata fit-22 ta' Lulju, 2018;*

*Li r-rikorrenti rrifjutat isservi kejk lill-klijenti li kien ilu aktar minn siegħa barra u peress li kien* cheese cake, *saritlu ħafna ħsara u ma baqax f'kundizzjoni li jiġi servut;*

*Li r-rikorrenti ma kinitx fil-fatt inkarigata minn dik il-mejda fejn kellu jiġi servut il-kejk, iżda ġiet mitluba xorta sservih hi u hi min-naħa tagħha rrifjutat proprju minħabba li kien ilu siegħa barra;*

*Li r-rikorrenti kienet ħabiba lil hinn mix-xogħol u anke kienet tgħix fl-istess appartament ma' kollega tagħha, li ġieli kellhom xi diżgwid iżda xorta komplew jaħdmu u jikkollaboraw flimkien;*

*Li l-manager Doria dakinhar tal-inċident meta r-rikorrenti ma aċċettatx li sservi l-kejk, qaltilha biex titlaq mir-ristorant u biex tirritorna t-Tnejn;*

*Li meta wasal it-Tnejn u r-rikorrenti marret biex taħdem bħas-soltu, il-Manager Doria qaltilha li jew titlob skuża quddiem il-kollegi inkella se titkeċċa;*

*Li r-rikorrenti ssostni li ma servietx il-kejk mhux b'xi sfida iżda għall-ġid tar-ristorant stess għax ma kienx preżentabbli u għaldaqstant ma kienx lok li titlob skuża u f'dik iċ-ċirkostanza umiljanti imposta;*

*Li Ernesto, li s-soċjetà qed tgħid li r-rikorrenti ma obditux għax kellha xi diżgwid miegħu, fil-fatt qatt ma talabha hu nnifsu biex tippreżenta l-kejk lill-klijenti, iżda talabha toħroġ il-kejk mill-fridge, u hi hekk għamlet;*

*Li l-iskuża li r-rikorrenti ma kkoperatx għax kellha xi tilwim ma' Ernesto hi infondata, għax hi rrifjutat tobdi ordni mingħand Doria u mhux mingħand Ernesto;*

*Li Ernesto stess meta bdew il-proċeduri quddiem it-Tribunal kien hu li ħa l-ewwel pass u għamel kuntatt mar-rikorrenti permezz ta' messaġġ biex jitlobha skuża;*

*Li r-rikorrenti wara li għamel kuntatt magħha Ernesto, ċemplitlu fejn kellmuh hi u l-partner tagħha biex jgħid il-verità waqt ix-xhieda tiegħu;*

*Li d-difiża kienet mibnija madwar il-fatt li r-rikorrenti ma riditx tikkollabora ma' Ernesto għax kellhom xi tilwim personali liema fatt irriżulta mhux minnu għax ir-rikorrenti ma rriżultax li ma obdietx lilu, iżda ma obdietx persuna oħra;*

*Li ma sar l-ebda proċess ta' dixxiplina u ma ġiet ippreżentata l-ebda evidenza ta' twissijiet la verbali u lanqas bil-miktub.*

***Deċiżjoni***

*It-Tribunal f'dan il-każ huwa ffaċċjat b'terminazzjoni li r-raġuni li nġabet kienet waħda ta' abbandun u bbażata fuq il-provi miġjuba li fil-fehma ta' dan it-Tribunal huma konfliġġenti. Jidher biċ-ċar li s-soċjetà m'għandha l-ebda idea ta' x'inhu proċess ta' dixxiplina. La l-General Manager, u lanqas il-Manager ma kienu f'pożizzjoni li jispjegaw jew juru li jafu li jeżisti proċess ta' dixxiplina, wisq anqas kif għandu jiġi implimentat. Minkejja kollox, hawn għandna persuna li mill-provi kif irriżultalu dan it-Tribunal, dejjem għamlet xogħolha kif suppost u bi professjonalità, iżda xorta spiċċat itterminata, meta biex jittieħed dan il-pass kellu jkun għaqli li jiġi segwit proċess dixxiplinarju, aktar u aktar meta qatt ma kienu rreġistrati twissijiet jew abbużi jew negliġenza min-naħa tar-rikorrenti, la verbalment u lanqas bil-miktub.*

*Minbarra hekk il-persuna nkarigata li tirreġistra t-tmiem ta' impjieg tal-ħaddiema fi ħdan is-soċjetà, ma kinitx konsistenti kif sar jaf u kif iddeċieda l-ġurnata tat-tmiem tant li ġiet irreġistrata data b'oħra, liema data suppost kienet ikkomunikata lilu mill-Manager, liema Manager u din il-persuna lanqas qablu fix-xhieda tagħhom fil-mod kif ikkomunikaw ma' xulxin. Minkejja li l-provi kollha juru li kien hemm terminazzjoni u mhux abbandun mill-mod kif żvolġew l-affarijiet, dan it-Tribunal jibqa' jinsisti li għandu jsir proċess dixxiplinarju meta jkunu se jittieħdu deċiżjonijiet serji bħal ma hi temm ta' impjieg ta' persuna. Dan it-Tribunal jara malprattiċità u nuqqas ta' serjetà mhux biss fit-terminazzjoni nnifisha iżda anke mill-mod kif ġiet manifestata. Li tirrifjuta li ma tmurx kontra prinċipju, kif irriżulta f'dan il-każ (titlob skuża quddiem il-kollegi, li lanqas ma kien il-każ li għandha tintalab) u tiġi mitluba tagħmlu b'mod umiljanti, lanqas hu* constructive dismissal. *Jekk wieħed jgħidlek biex tumilja ruħek, inkella nkeċċik, u persuna tirrifjuta, dan ma jkunx* constructive dismissal. *Ma jistax jitqies abbandun f'sitwazzjoni li ma tkunx sapportabbli aktar u tkun kostrett li titlaq,*

> *kif jesiġi* constructive dismissal. *F'dal-każ, lanqas l-għażla li wieħed jagħżel bejn sapportabbli u mhux ma teżisti.*
>
> *Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi li t-terminazzjoni kienet waħda inġusta u qiegħed jillikwida d-danni għal ħamest elef, u erbgħa u sittin Euro u wieħed u għoxrin ċenteżmu ta' Euro (€5,064.21).*
>
> *Din is-somma għandha titħallas lir-rikorrenti sa mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-lum.*
>
> *Għall-finijiet tal-avviż legali 48 tal-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disgħin Euro u sbatax-il ċenteżmu (€93.17).*
>
> *B'hekk tintemm din il-kwistjoni ta' xogħol."*

**L-Appell**

13. Is-soċjetà intimata appellat minn din id-deċiżjoni tat-Tribunal fis-16 ta' Diċembru, 2020, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

> *"... jogħġobha tilqa' l-appell tagħha interpost u tirrevoka u tħassar is-sentenza tat-Tribunal Industrijali, mogħtija 1 ta' Diċembru, 2020, għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija."*

14. Is-soċjetà appellanta qalet li fl-ewwel lok hija ħassitha aggravata għaliex fil-fehma tagħha t-Tribunal naqas li jagħmel apprezzament xieraq u korrett tal-provi fir-rigward tax-xhieda mogħtija minn Doria Zarb. Qalet li t-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu, skarta diversi provi li ġew prodotti mis-soċjetà appellata u ta konsiderazzjoni biss lill-verżjoni tal-provi mogħtija mill-appellata. Semmiet li fil-parti tal-konsiderazzjoni tax-xhieda ta' Doria Zarb, it-Tribunal qal skorrettement li Zarb fix-xhieda tagħha qalet li l-inċident seħħ fl-24 ta' Ġunju, u li hija ltaqgħet mal-appellata fis-26 ta' Ġunju. Is-soċjetà appellanta qalet li Zarb spjegat li l-appellata rrifjutat li tgħin lil kollega tagħha jservi kejk, u anki bdiet tgħolli

leħenha quddiem il-klijenti. Żiedet tgħid li kien għalhekk li Zarb qabdet u bdiet isservi l-kejk hija stess, u talbet lill-appellata titlaq minn mal-mejda u tmur tikkalma. L-appellanta qalet li mix-xhieda ta' Zarb irriżulta li din iltaqgħet mal-appellata wara l-inċident u tkellmet magħha, iżda l-appellata baqgħet tinsisti li ma riditx taħdem aktar mal-kollega tagħha, u ma xtaqitx taħdem aktar, u għalhekk ma rrapportatx aktar għax-xogħol. Is-soċjetà appellanta qalet li mhux minnu li Zarb talbet apoloġija mingħand l-appellata quddiem l-impjegati l-oħra sabiex tirredikolaha, u li kieku s-soċjetà appellanta kellha l-intenzjoni li tkeċċi lill-appellata mill-impjieg, din żgur li ma kinitx ser tinkludiha fir-*roster* tal-ġranet ta' wara. Qalet ukoll li fir-rigward tad-data ta' terminazzjoni, kien sar żball mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani tas-soċjetà appellanta, meta Robert Testa rreġistra data ħażina, li sussegwentement ġiet ikkorreġuta. Is-soċjetà appellanta qalet li dan kollu seħħ fix-xhur tas-sajf, meta l-istabbilimenti tal-ikel ikollhom ħafna xogħol u turisti, u tenut kont tal-esperjenza li kellha l-appellata, din kienet meqjusa bħala impjegata importanti għas-soċjetà appellanta, u għalhekk ma kinitx ser titkeċċa mill-impjieg f'perijodu ta' żmien meqjus daqstant importanti għall-industrija.

15. Fit-tieni aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta tgħid li kien hemm nuqqas ta' apprezzament xieraq u korrett tal-provi fir-rigward ta' dak li xehed Ernesto Bonasora. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal ikkonsidra li kien Bonasora li avviċina lill-appellata wara li kienu bdew dawn il-proċeduri, li hija xi ħaġa żbaljata kompletament. Spjegat li x-xhud Bonasora xehed li huwa kien għamel kuntatt mal-appellata ftit tal-jiem wara li din ma baqgħetx taħdem mas-soċjetà appellanta, u kienet l-appellata stess permezz tas-sieħeb tagħha li għamlet

kuntatt ma' Bonasora wara li nbdew il-proċeduri odjerni. Is-soċjetà appellanta qalet li ġew esebiti għadd ta' messaġġi datati 24 ta' Marzu, 2019, fejn is-sieħeb tal-appellanta għamel kuntatt huwa stess ma' Bonasora, liema messaġġi juru ċar li dan ried jitkellem ma' Bonasora dwar il-kawża u sabiex jinfluwenza x-xhieda tiegħu. Is-soċjetà appellanta qalet li hija għamlet kuntatt ma' Bonasora biss sabiex jitla' jixhed u jagħti l-verżjoni tiegħu tal-fatti kif ġraw, mingħajr l-ebda pressjoni jew influwenza da parti tagħha. Is-soċjetà appellanta qalet li mhux biss l-appellata għamlet kuntatt max-xhud wara li dan xehed l-ewwel darba, iżda anki xi ġranet wara, u f'kull każ wara li kienu bdew il-proċeduri odjerni, bl-intenzjoni li x-xhud jiġi influwenzat. Is-soċjetà appellanta qalet li Bonasora spjega li huwa u l-appellata kellhom argument personali bejniethom, li mhux relatat max-xogħol, u li kien Bonasora stess li talab lill-appellata tgħinu jservi kejk lill-klijenti, iżda din irrifjutat li tgħinu, u Bonasora nnifsu kkonferma fix-xhieda tiegħu li l-kejk kien fi stat tajjeb li seta' jisserva.

16. Fit-tielet aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta tgħid li kien hemm nuqqas ta' apprezzament xieraq u korrett tal-provi mit-Tribunal fir-rigward tax-xhieda ta' Giulia Gattuccio. Qalet li x-xhieda tal-appellata hija differenti minn dik tax-xhieda l-oħra, u l-verżjoni tagħha hija mibnija fuq il-fatt li hija rrifjutat li sservi l-kejk minħabba l-istat tiegħu, għaliex dan kien ilu xi ħin barra mill-*fridge,* u mhux għaliex hija rrifjutat li tgħin lill-kollega tagħha Bonasora. L-appellanta qalet li meta wieħed iħares lejn il-verżjoni mogħtija mill-appellata, wieħed ma jistax iqis din ix-xhieda bħala veritiera, partikolarment fejn l-appellata fix-xhieda tagħha qalet li l-klijenti li ordnaw il-kejk damu madwar siegħa jistennew biex jiġu servuti d-deżerta.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

17. L-appellata wieġbet li r-rikors tal-appell tas-soċjetà appellanta huwa null u bla effett, stante li ġie ppreżentat b'mod tardiv u huwa preskritt skont il-liġi. Qalet li r-rikors tal-appell ġie ppreżentat sittax-il ġurnata wara li ngħatat id-deċiżjoni mit-Tribunal Industrijali, meta l-artikolu 82(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta jispeċifika li appell minn deċiżjoni tat-Tribunal għandu jiġi ppreżentat sa mhux aktar tard minn tnax-il ġurnata mid-data tal-imsemmija deċiżjoni. L-appellata qalet li f'dan il-każ għandu jirriżulta li filwaqt li d-deċiżjoni tat-Tribunal ingħatat fl-1 ta' Diċembru, 2020, ir-rikors tal-appell ġie ppreżentat fis-16 ta' Diċembru, 2020, u għalhekk l-appell ġie ppreżentat *fuori termine*.

18. L-appellata qalet li fil-fehma tagħha dan l-appell huwa null ukoll għaliex l-appell ma sarx fuq punt ta' liġi, kif jitlob l-artikolu 82(3) tal-Kap. 452, iżda sar dwar l-apprezzament tal-provi. Qalet li l-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal m'għandux jiġi disturbat minn din il-qorti ta' reviżjoni, u tali reviżjoni għandha ssir biss f'dawk il-każijiet fejn l-apprezzament tal-provi li jkun sar mit-Tribunal ikun tant żbaljat, li altrimenti tkun sejra tiġi kkawżata inġustizzja.

19. B'riferiment għall-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appellata qalet li d-deċiżjoni tat-Tribunal turi li qabel dan wasal għall-konklużjoni finali tiegħu, għamel riassunt tal-provi kollha miġjuba quddiemu, u għamel riferiment kemm għall-eżami kif ukoll għall-kontro-eżami ta' kull xhud. Qalet li għaldaqstant l-allegazzjoni li t-Tribunal ta konsiderazzjoni biss lill-verżjoni u lill-provi tal-appellata, ma tagħmel l-ebda sens partikolarment meta wieħed janalizza d-deċiżjoni mogħtija. Żiedet tgħid li r-riassunt tax-xhieda ta' Doria Zarb

li saret mit-Tribunal kienet korretta, kif jirriżulta minn qari tad-deċiżjoni nnifisha, u qalet li għalhekk ma tistax tifhem għal liema raġuni s-soċjetà appellanta qiegħda ssostni li t-Tribunal ħa konjizzjoni biss tal-provi mressqa minnha. L-appellata qalet li mix-xhieda ta' Doria Zarb ħareġ punt importanti, li f'dan il-każ ma ġewx adottati proċeduri dixxiplinarji fuq il-post tax-xogħol sabiex l-appellata tiġi mkeċċija. Qalet li filwaqt li hija ġibdet l-attenzjoni ta' Doria Zarb bħala *manager* tagħha dwar problemi li hija kellha ma' wieħed mill-impjegati l-oħra, ma ġew istitwiti l-ebda proċeduri sabiex tiġi evalwata s-sitwazzjoni u tinstab soluzzjoni għal din il-problema. L-appellata qalet ukoll li l-argument li l-inċident seħħ waqt iż-żmien tas-sajf ma tantx ireġi, għaliex kif irriżulta mill-provi, minkejja ż-żmien partikolari li fih seħħ dan kollu, u minkejja l-fatt li l-appellata kienet meqjusa bħala impjegata importanti f'dan l-istabbiliment, ma sar l-ebda sforz sabiex issir xi forma ta' komunikazzjoni mal-appellata sabiex hija tmur lura fuq il-post tax-xogħol wara li sfat imkeċċija mill-impjieg.

20. B'riferiment għat-tieni aggravju, l-appellata qalet li t-Tribunal Industrijali stabbilixxa li x-xhud Ernesto Bonasora ġie kkuntattjat kemm mis-soċjetà appellanta, kif ukoll mill-appellata qabel deher quddiem it-Tribunal. L-appellata qalet li hija bl-ebda mod ma ppruvat tinfluwenza x-xhieda tiegħu, iżda riedet tappellalu sabiex meta jitla' jixhed, jgħid il-verità. Qalet li fil-fatt ma nġabu l-ebda provi li juru li hija b'xi mod ippruvat tinfluwenza lix-xhud, u t-Tribunal ikkonsidra li Bonasora kien ċempel lill-appellata l-għada tal-inċident u talabha skuża għaliex kien għolla leħnu. Qalet li t-Tribunal għamel evalwazzjoni tal-fatti kif ġraw qabel ta d-deċiżjoni tiegħu, u għalhekk is-soċjetà appellanta ma tistax tgħid li t-Tribunal naqas milli japprezza l-provi b'mod xieraq u korrett, meta -

soċjetà appellanta m'hija qegħda tgħid xejn differenti minn dak li ġie apprezzat mit-Tribunal.

21. B'riferiment għat-tielet aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appellata qalet li s-soċjetà appellanta naqset milli tapprezza li ż-żewġ verżjonijiet mogħtija dwar dak li seħħ, mhumiex opposti għal xulxin. iżda huma konnessi ma' xulxin. Qalet li mill-provi għandu jirriżulta li hija rrifjutat li tgħin lill-kollega tagħha għaliex il-kejk in kwistjoni kien ilu siegħa barra mill-*fridge,* u għalhekk ma kienx għadu tajjeb. Qalet ukoll li hija fl-ebda stadju ma qalet li l-klijenti damu siegħa jistennew biex jiġu servuti dan il-kejk, iżda qalet biss li dan il-kejk kien ilu ċertu ħin li nħareġ mill-*fridge.*

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

22. Qabel tgħaddi sabiex tevalwa l-aggravji sollevati mill-appellanta, il-Qorti sejra tittratta l-eċċezzjoni sollevata mill-appellata li dan l-appell għandu jitqies li huwa null għaliex ġie ppreżentat *fuori termine.* Il-Qorti hawn sejra tagħmel riferiment għal xi sentenzi mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fejn tqajjem propju dan il-punt fir-rigward ta' appell minn deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali. Hekk per eżempju fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Abdelaziz Dhaidi *vs.* Bortex Clothing Industry Company Limited**, mogħtija fit-23 ta' Ottubru, 2009, il-Qorti qalet illi:

> "Hi dispożizzjoni espliċita tal-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452) illi fil-każ ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta u dawk tal-kwestjonijiet l-oħra għal liema l-Artikolu 75(1)(a) u (b) jattira l-ġurisdizzjoni tat-Tribunal, l-appell lil din il-Qorti

> għandu jiġi ppreżentat mhux aktar tard minn tnax-il ġurnata mid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal;
>
> Huwa minn dan evidenti illi, bħal fil-każ tat-termini l-oħra tal-appell taħt id-diversi liġijiet, it-terminu ta' tnax-il ġurnata hawn prospettat hu wieħed perentorju, inkwadrat taħt l-istatut ġenerali tad-dekadenza, b'mod li l-istess terminu jgħaddi għall-fatt materjali tad-dekors taż-żmien iffissat mil-liġi. Dan bla possibilità ta' proroga, sospensjoni jew tal-interruzzjoni tiegħu. Hu biss eċċezzjonalment u fil-każijiet espressi prevvisti mil-liġi illi t-terminu jista' jiġi prorogat, ad eżempju, skont il-previżjoni tal-liġi fl-Artikolu 1076 Kodiċi Ċivili u l-artikolu 109 Kapitolu 12, meta l-ġurnata tal-iskadenza tiegħu tkun waħda ta' rikorrenza ta' vakanza pubblika. Hekk ingħad illi "fil-każ ta' terminu bi ġranet korrenti, meta l-aħħar ġurnata tinzerta li mhix ġurnata tax-xogħol allura t-terminu jagħlaq fl-ewwel ġurnata tax-xogħol li jkun imiss, u fil-ħin li jagħlaq ir-Reġistru." (Ara **AIC Joseph Xuereb nomine *vs* Dolores Degabriele**, Appell Ċivili, 14 ta' Mejju, 1993)."

23. Il-Qorti tirrileva li fil-każ odjern, għad li d-deċiżjoni tat-Tribunal ingħatat fl-1 ta' Diċembru, 2020, l-appell in kwistjoni ġie intavolat fis-16 ta' Diċembru, 2020. L-aħħar ġurnata li fiha kellu jiġi intavolat l-appell kienet proprju t-13 ta' Diċembru, 2020, jum ta' btala nazzjonali li fl-2020 inzertat ġiet fil-jum tal-Ħadd, u għalhekk l-aħħar ġurnata li fiha kellu jiġi intavolat l-appell kienet proprju l-14 ta' Diċembru, 2020. Il-preżentata ta' dan l-appell fis-16 ta' Diċembru, 2020 tfisser li l-appell ġie ppreżentat oltre t-terminu statutorju ta' tnax-il ġurnata u għalhekk għandu jitqies li huwa tardiv.

24. Fid-deċiżjoni appena ċċitata, il-Qorti għamlet riferiment ukoll għad-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Joseph Camilleri *vs.* Kummissarju tat-Taxxi Interni,** mogħtija fid-9 ta' Mejju, 2007, fejn ingħad illi:

> "... kif saput it-terminu stabbilit hu wieħed fatali u ma jistax jiġi sanat b'xi re-integranda. L-appellanti kellu jissodisfa din l-esiġenza proċedurali skont il-vot tal-liġi u la dan ma għamlux, l-appell tiegħu ma jistax ħlief jitqies irrimedjabbilment irritwali.

> Tabilħaqq, ikollu jingħad b'ripetizzjoni, illi '*of course the fact that the delay was only of one day cannot unfortunately for the appellant help him*' (**AB *vs* Commissioner of Inland Revenue**, Każ Numru 85, Appell, 5 ta' Marzu, 1971)."

Il-Qorti in vista li dan l-appell ġie ppreżentat *fuori termine*, qiegħda tiddeċiedi li dan l-appell huwa irritu u null, u għalhekk mhijiex sejra tipproċedi bil-konsiderazzjoni tal-aggravji sollevati mis-soċjetà appellanta.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż ta' dan l-appell a karigu tal-istess soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**